

# SIĠAR MALTIN

## IMĦARSA BIL-LIĠI




Tpinġija ta' Andrew Micallef mill-poster *Xi Siġar Maltin* (1998)
Dipartiment għall-Ħarsien tal-Ambjent

Madwar 60 siġra li jinstabu fil-Gżejjer Maltin jistgħu jissejħu 'siġar Maltin'. Minn dawn uħud huma indiġeni, jiġifieri li ilhom jikbru b'mod naturali fil-Gżejjer Maltin għal eluf ta' snin, u ma ġewx imdaħħla mill-bniedem. Oħrajn, bħall-ħarruba *(Ceratonia siliqua)*, huma arkeofiti, jiġifieri li kienu mdaħħla fil-Gżejjer Maltin aktar minn 500 sena ilu. Is-siġar Maltin murija fit-tpinġijiet huma legalment imħarsa permezz tal-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent.

### Adattazzjonijiet għall-klima Maltija

- Is-siġar Maltin adattaw sew għall-klima Maltija.
- Għandhom għadd ta' adattazzjonijiet li jippermettulhom jegħlbu s-sajf sħun u xott u x-xitwa ħafifa u bix-xita.
- Dawn jinkludu sistemi ta' għeruq li jistgħu jinżlu fil-fond u jiġbdu l-ilma minn xquq fil-blat taħt l-art kif ukoll weraq oħxon, suf żgħir u lewn ċar biex inaqqsu t-telf ta' ilma u jissaportu temperaturi għoljin.

### Kwistjonijiet ta' konservazzjoni

- Is-siġar fil-Gżejjer Maltin huma ġeneralment skarsi imma xi speċi huma bħalissa mhedda, waqt li xi ftit oħra kważi għebu mill-ambjent naturali.
- B'xorti tajba xi wħud minn dawn is-siġar xorta jinstabu fil-ġonna u bħala siġar tat-triq.
- Is-siġar Maltin jagħmlu parti mill-wirt tagħna u għalhekk għandhom ikunu rispettati.
- Kull meta jkun possibbli huwa aktar għaqli li jintużaw siġar Maltin fil-ġonna u fil-*landscaping*, milli siġar barranin.

### Siġar barranin

- Kont taf li xi siġar jistgħu fil-verità jagħmlu l-ħsara lill-ambjent Malti?
- Per eżempju, ix-xumakk il-falz *(Ailanthus altissima)* jikber malajr ħafna u b'hekk jinvadi u jinfirex bla rażan.
- Din is-siġra tikkompeti ma' siġar Maltin għall-ħamrija, l-ispazju, id-dawl, l-ilma u n-nutrijenti u b'hekk teqred il-ħajja salvaġġa tal-post Maltija li tikber madwarha.
- L-akbar problema hija li huwa ferm diffiċli biex teħles minnha - li sempliċement taqtaha tgħinha tikber iktar malajr!

ERA

Ippubblikat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi - © ERA 2017